

**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-005364/2018**  
**lill-Kummissjoni**  
Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura  
**Marlene Mizzi (S&D)**

Suġġett: Id-drittijiet tat-tfal

Aktar minn tmien miljun tifel u tifla jgħixu f'istituzzjonijiet u f'orfanatrofji madwar id-dinja, u 80 % minnhom għandhom ġenitur wieħed biss ħaj. L-istituzzjonalizzazzjoni żżid, aktar milli tnaqqas, l-isfruttar ta' tfal vulnerabbli. Quddiem iż-żieda fl-orfanatrofji "għal skopijiet ta' profit" u ż-żieda fix-xejra tal-volonturiżmu fl-orfanatrofji, il-pajjiżi Ewropej jeħtieġ li jindirizzaw l-istituzzjonalizzazzjoni ta' tfal madwar id-dinja, u jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal jiġu dejjem imħarsa. Il-Kummissjoni kif qed tippjana li tassisti lill-Istati Membri fir-rigward ta' din il-kwistjoni?